# Kif sirt naf lill-iskultur Ġorġ Borg
## *(22-4-1906 - 29-12-1983)*

**Carmel Camilleri**

Id-destin jieħu xejra differenti fil-każ ta' kull wieħed u waħda minna.

Jien, Carmel Camilleri, imwieled il-Ħamrun, kont ixxurtjat li sirt naf lill-iskultur Ġorġ Borg mill-qrib ħafna sa mill-1960. L-għalliem tiegħi tal-primarja, Tony Lewkowicz, innota li kelli talent artistiku u għaldaqstant issuġġerixxa lil missieri li għandi nibda nattendi l-iskola tal-Arti, il-Belt Valletta.

Iltqajt mal-Professur Ġorġ Borg, li ssuġġerixxa li nibda nattendi l-kors tal-mudellatura fil-pastellina. L-interess tiegħi kompla jikber tant illi bdejt nattendi wkoll l-iskultura fl-injam u d-disinn taħt il-Professur Samuel Bugeja.

**Il-Professur Ġorġ Borġ, bniedem ta' integrità kbira**

Jien kont midħla sewwa ta' Borg u ġieli mort id-dar tiegħu, kif ukoll ġieli silifni xi kotba tal-Arti. Urieni wkoll xi abbozzi, fosthom abbozz tal-ġibs ta' xogħol li hu semmieh 'Speed'.



*L-għodda ta' George Borg*

Borg kien bniedem ta' dixxiplina kbira u l-istil tiegħu kien jurik li jridek titgħallem b'mod li x-xogħol tiegħek bħala student ma jmissux, imma jindika bil-kliem il-korrezzjoni li hemm bżonn, billi jpoġġi farka pastellina fejn jidhirlu li tali korrezzjoni għandha ssir.

Din l-għodda ġiet mgħoddija lili minn idejn il-mara ta' Borg

Wara 33 sena, jiena, Carmel Camilleri, u marti Frida, ddeċidejna li din l-għodda xieraq li tkun apprezzata mill-Bastjaniżi. Dan l-akkwist sar mis-Soċjetà wara kuntatti miegħi bis-saħħa tal-membri tal-kumitat ta' din is-Soċjetà Filarmonika Pinto u l-Banda San Sebastjan, partikularment is-Sinjuri Roderick Caruana u Pawlu Borg.

Il-benefatturi tal-proġett kienu s-Sinjuri Alfred Borg u martu Kate.



*Is-Sur Carmel Camilleri, il-persuna li min għandu nxtrat l-għodda ta' George Borg flimkien mas-Sinjura Borg u mas-Sinjuri Alfred u Katie Borg li kienu l-benefatturi li ħallsu għall-għodda biex ingħatat il-Każin.*